**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 11 ta' Marzu 2021**

**Rikors nru: 215/2016 AGV ;**

**AB**

**Vs**

**CD**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ta' AB datat 29 ta' Settembru 2016, fejn esponiet bir-rispett u ikkonfermat ;**

1. Illi l-partijiet kellhom relazzjoni intima li minn kellhom zewg itfal u cjoe' ED ta' hmistax-il sena,FD ta' tmien snin ;
2. Illi l-minuri E ta' hmistax-il sena u FD ta' tmien snin qed jghixu esklussivament mal-esponenti;
3. Illi permezz ta' digriet ta' dil-Qorti tad- 19 ta' Lulju 2016 fl-atti tal-medjazzjoni numru 927/2016 il-kura u kustodja tal-minuri giet fdata

pendente lite f' idejn il-partijiet konguntivament , bla ma pero' kien hemm digriet fuq il-manteniment minkejja talba f' das-sens;

4. Illi l-esponenti tixtieq li jkollha fdata f' idejha il-kura u kustodja tal-minuri b' mod esklussiv;
5. Illi minkejja li saret medjazzjoni din irrizultat fin-negattiv u kwindi kellha ssir dil-kawza.
6. Illi l-partijiet ma baqghetx f' relazzjoni bejniethom mis-6 ta' Gunju 2015 u li ghalhekk l-intimat ilu ma jikkontribwixxi finanzjarjament ghat-trobbija tal-ulied sa minn dakinhar;
7. Illi ma hemm ebda possibilita' ta 'rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Ghaldaqstant jghid l-intimat ghaliex dil-Qorti ma ghandiex;

a. Tafda l-kura u kustodja tal-minuri ulied il-partijiet, E u FD b' mod esklussiv il-esponenta l-omm;
b. Tordna lil- intimat ihallas lil-esponenta retta alimentarja li din l-Onorabbli Qorti tiffissa bhala mantenimet ghall-minuri ED ta' hmistax-il sena u FD ta' tmien snin u dan b' mod retroattiv mis-6 ta' Gunju 2016;
c. Tordna lil-intimat ihallas lil-esponenta nofs l-ispejjez edukattivi , u medici, u kull spiza ohra relatata mat-trobbija tal-minuri uliedhom ED u FD.

Bl-ispejjez kontra l-intimat ingunt minn issa in subizzjoni.

**Il-Qorti rat ir-rispsota guramentata ta' CD (ID nru: 4481M)**datata 11 ta' Novembru 2016. fejn issottometta umilment u bil-gurament tieghi ikkonferma li jaf bis-segwenti fatti personalment;

1. Illi in kwantu l-ewwel talba attrici, l-esponenti jikkontendi li l-kura u l-kustodja ghandha tigi fdata konguntivamet f' idejn il-partijiet, stante li ma jezistu ebda ragunijiet gravi jew sufficjenti fil-Ligi ghall-kutrarju ta' dan kif ser jigi muri waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza, u ghalhekk dit-talba, ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess attrici;
2. In kwantu ghat-tieni talba attrici relatata mal- manteniment taz-zewg ulied minuri E u FD , l-esponenti fil-waqt li jaqbel li ghandu jigi ffissat mantieniment ghall-bzonnijiet ta' F , in linea mal-kriterji kontemplati fl-artikolu 20 tal-Kodici Civili, huwa ma jaqbilx li dan il-manteniment ghandu jkollu effett retro attiv mis- 6 ta' Gunju 2016;
3. Illi rigward tal-manteniment tal-minuri Mariah, l-esponenti jikkontendi li bintu E dejjem, baqghet tghix mieghu stante li hi qatt ma telqet mid-dar parafernali tal-esponenti fejn hija trabbiet, u effetivament hija taqsam il-hin taghha bejn il-partijiet, bili tirrisjedi gimgha mal-esponenti, u gimgha mal-attrici, b' mod alternat;
4. Illi ghaldaqstant ma jezistux ir-raguijiet mitluba fil-Ligi sabiex l-esponenti jversa manteniment favur l-attrici ghall-minuri E, u ghalhekk it-tieni talba ghandha tigi michuda in parte, bl-ispejjez kontra l-attrici;
5. Illi fir-rigward tat-tielet talba attrici relatata mal-ispejjez tas-sahha u l-edukazzjoni,tal-minuri E u F ma hemmx kontestazzjoni galadarba tali spejjez ikunu maqbula bejn il-partijiet, u dan specjalment fil-konfront tat-talba ghall-hlas ta' kull spiza ohra relatata mat-trobbija tal-minuri, ghajr dawm ta' sahha u edukazzjoni.
6. Illi f' kell kaz jigi rilevat li l-esponenti dejjem kopra l-ispejjez tas-sahha u edukazzjoni tal-minuri E , inkluz il-hlas tal-lezzjonijiet tal-privat, tad-

drama, u kull ma tigi bzonn rigward sahha, ilbies u bzonnijiet ohrajn finanzjarji ghat-trobbija adegwata taghha, u ghaldaqstant hija l-attrici li ghanda tghaddi nofs l-ispjjez tas-sahha u edukazzjoni tal-minuri Mariah lil-esponenti;

Salv eccezzjonijiet ohra permessi mil-Ligi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi prodotti mill-partijiet.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-Qorti kienet ordnat l-isfilz tal-affidavit tal-attrici, peress illi l-istess attrici ripetutament naqset milli tattendi l-Qorti ghall-kontro-ezami taghha.

**IKKUNSIDRAT:**

Illi din il-kawza tittratta t-talba ghall-kura u kustodja, manteniment u access ghal zewgt itfal minuri. Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. Il-partijiet kellhom relazzjoni intima bejniethom, minn liema kienu twieldu zewgt itfal, E u F. Ir-relazzjoni ta’ bejniethom spiccat, u l-attrici fethet dawn il-proceduri sabiex tirregola l-kura u kustodja u l-manteniment pagabbli ghal uliedha.

Illi minghajr ma tidhol f'wisq dettall, jirrisulta mill-atti li din il-kawza damet hames snin fuq materja daqshekk semplici. L-ahhar sentejn kienu differimenti biex il-partijiet jilhqu ftehim bejniethom. F' Gunju u Lulju tal-2020 din il-Qorti kienet sahansitra approvat zewg abbozzi ta' kuntratt, li ma gewx ippubblikati ghax baqghu ma gewx iffirmati mill-partijiet. F'dawn il-kuntratti, jidher li kien hemm bazi ghal ftehim li kien gust u jaghmel sens fic-cirkostanzi, u ghalhekk il-Qorti sejra tinkorpora partijiet mill-istess ftehim li kien intlahaq bejniethom izda mhux finalizzat. Jidher li z-zewg ulied jghixu mal-genituri. It-tifla l-kbira, E, li llum hija maggorenni, qed tghix mal-missier, mentri t-tifla z-zghira, F, ghad ghandha tnax-il sena u tghix ma' ommha b'access liberu versu missierha. Jidher ukoll li l-partijiet kienu ftehmu li l-kura u kustodja ta' F tkun wahda kongunta, b'dana li hi tibqa' tirresjedi ma' ommha. Il-missier, skond il-ftehim milhuq, ghandu jivversa manteniment ghall-minuri fl-ammont ta' mija w hamsin Ewro (€150) fix-xahar. Dan il-manteniment ghandu jibqa' jithallas sakemm it-tifla taghlaq tmintax-il sena, jew sal-eta' ta' tlieta w ghoxrin sena, jekk hi tibqa' tistudja 'full time'. F'kaz li l-minuri ma tibqax tghix mal-omm, il-hlas tal-manteniment jieqaf.

Ghalhekk il-Qorti sejra tilqa' t-talbiet attrici skond l-abbozz tal-ftehim milhuq bejn il-partijiet kif spjegat hawn fuq.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti;

Tordna li l-kura u kustodja tal minuri F tkun wahda kongunta, b' dana illi hi ghandha tghix mal-attrici, b'access liberu versu l-konvenut.

Tillikwida manteniment pagabbli mill-konvenut ghall-minuri fis-somma ta' mija w hamsin Ewro (€150) fix-xahar kif hawn fuq indikat.

Spejjez ta' sahha w edukazzjoni taz-zewgt itfal jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

L-ispejjez ghandhom ikunu a karigu tal-attrici, stante l-inadempjenza taghha.

**Anthony J Vella**

**Imhallef**

**Concetta Gauci**

**Deputat Registratur**